**229. Il-Ministru għall-Ambjent, l-Onor. Francis Zammit Dimech ippropona:**

Billi huwa maħsub fl-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art (kif imfisser f'dak l-Att) li tkun proprjetà tal-Gvern jew li hi amministrata minnu ma tistax tiġi trasferita (wkoll kif imfisser f'dak l-Att) ħlief skont xi waħda middispożizzjonijiet tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) jew (e) tas-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (b) tal-imsemmi subartikolu li trasferiment kif imsemmi qabel jista' jsir skont *policy* applikabbli għall-art li jkun hemm il-ħsieb li tiġi trasferita u approvata b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment;

U billi bir-riżoluzzjoni tal-4 ta' Awissu 1976, il-Kamra tad-Deputati approvat il-*policy* miġbura f'dokument anness mal-istess riżoluzzjoni għall-finijiet tal-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu;

U billi b'diversi riżoluzzjonijiet, il-Kamra tad-Deputati ġeddedt ir-riżoluzzjoni tal-4 ta' Awissu, 1976 kif emendata sas-16 ta' Lulju 1995;

U billi skont il-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-istess Artikolu 3 tal-imsemmi Att, riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati mgħoddija għall-finijiet tal-paragrafu (b) fuq imsemmi, tibqa' sseħħ għal żmien sena mid-data li tgħaddi, iżda skond is-subartikolu (2) tal-istess Artikolu 3 tista' tiġġedded b'riżoluzzjoni jew b'riżoluzzjoniiet oħra li jsiru wara għall-perjodu ieħor jew għal perjodi oħra ta' sena jew għal dak il-perjodu l-ieħor li jista' jiġi speċifikat firriżoluzzjoni;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li r-riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati fuq imsemmija ta' l-4 ta' Awissu, 1976, kif emendata sal-lum (jiġifieri bl-emendi tat-2 ta' Ġunju 1981, tal-25 ta' Mejju 1983, tat-2 ta' April 1984, tas-27 ta' Lulju 1988, tat-12 ta' Novembru 1991 u tat-8 ta' Lulju 1992) terġa' tiġġedded sas-16 ta' Lulju 1998.

04.07.1995

**L-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici ressaq din l-emenda:**

"Fl-aħħar paragrafu, minflok il-kliem "sas-16 ta' Lulju 1998" daħħal il-kliem "sas-16 ta' Lulju 1996".

**17.07.1995**

**L-emenda m'għaddietx fis-seduta 443 tat-18 ta' Lulju 1995.**

**Il-Mozzjoni għaddiet fis-seduta 443 tat-18 ta' Lulju 1995.**